**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
Frar 2013

| IR-RABA' SENA | IL-MALTI (IL-FEHIM MIS-SMIGĦ) | IL-ĦIN: 30 minuta |
|---|---|---|

**Il-karta tal-Għalliema**

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

**Ir-Riżorsi:**
1. It-test li jinqara
2. Il-karta tal-mistoqsijiet
3. Riga u lapes

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | • Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel.<br>• Ser tinqralhom l-istorja ***Ġaħan u l-Bajd.***<br>• Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>• Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | **5 minuti** |
| 2 | • Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.<br>• L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn. | **5 minuti** |
| 3 | • Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>• Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **5 minuti** |
| 4 | • Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.<br>• Għandhom iwieġbu billi jagħmlu ✓ ħdejn it-tweġiba t-tajba.<br>• Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **6 minuti** |
| 5 | • Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>• Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **5 minuti** |
| 6 | • Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **4 minuti** |

## Ġaħan u l-Bajd

Omm Ġaħan marret għand il-ġara u xtrat qroqqa u tużżana bajd. Xħin reġgħet lura, qalet lil Ġaħan, "Issa itla` fil-kamra ta' fuq u ġib il-kannestru vojt li hemm fir-rokna." Meta Ġaħan ġab il-kannestru, ommu qaltlu biex jieħdu fil-gallinar, iqiegħed it-tiben fih u jpoġġi l-bajd fuq it-tiben.

Hekk għamel. Imbagħad qaltlu biex fuq it-tiben iqiegħed il-qroqqa, u jniżżel kollox fil-kantina. Ġaħan għamel kif qaltlu ommu, niżżel kollox fil-kantina, qiegħed il-kannestru, il-qroqqa u l-bajd f'rokna, għalaq it-twieqi biex jagħmel ftit dlam għax, fl-aħħar mill-aħħar Ġaħan ma kienx iblah għal kollox, u xi darba f'mitt sena jagħmilha tajba.

Il-lejl kollu l-qroqqa qagħdet fuq il-bajd, omm Ġaħan raqdet, u Ġaħan qagħad joħlom. Ħolom illi l-bajd sar taz-zokkor, u minnu ħarġu ħafna flieles taċ-ċikkulata, u l-flieles tant kibru li saru qishom dundjani tad-deheb.

"Ma!" qal Ġaħan lil ommu xħin sebaħ, u mas-sebħ hu kien ġa sema` jiddnu s-sriedak tal-ġirien. "Ma, il-qroqqa għandha l-ġuħ".

"Mur u agħtiha tiekol, imma ara li ma tħallix il-bajd jiksaħ", wieġbet l-omm.

Ġaħan niżel fil-kantina u kif wasal hemm għalef lill-qroqqa. Qalagħha mill-kannestru u qalilha, "Kul."

Ġaħan beda jaħseb biex ma jħallix il-bajd jiksaħ. Qagħad bilqiegħda minflok il-qroqqa, komdu komdu fuq il-bajd. Meta, hekk, hu sema' xi ħsejjes krikk, krokk, krukk, krakk....

Rajtx? Ħaseb Ġaħan, iridu iktar sħana, u ntrass iktar 'l isfel fil-kannestru u iktar bdew ġejjin ħsejjes ta' krikk, krokk, krukk, krakk.....

"Il-bajd kollu qed ifaqqas, il-flieles dalwaqt jitwieldu," qal ferħan Ġaħan. Huwa qam jiġri biex jara l-flieles ħerġin, imma flok flieles ra l-bajd kollu mgħaffeġ....

(Silta meħuda mill-ktieb *Ħrejjef ta' Ġaħan u Stejjer Oħra* ta' Aldo Farini, maqlub għall-Malti minn Ġuże` Chetcuti).

Agħżel it-tweġiba t-tajba.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Omm Ġaħan xtrat il-qroqqa mingħand | | ommha. |
| | | | oħtha. |
| | | | il-ġara. |
| | | | iz-zija. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | Ġaħan poġġa l-bajd ġo | | kannestru. |
| | | | bejta. |
| | | | toqba. |
| | | | qoffa. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | Il-qroqqa u l-bajd żammewhom | | fl-għalqa. |
| | | | fil-bitħa. |
| | | | fl-għorfa. |
| | | | fil-kantina. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | Ġaħan | | fetaħ it-twieqi għall-arja. |
| | | | għalaq it-twieqi għad-dlam. |
| | | | sadd il-ventilaturi. |
| | | | sakkar il-bieb. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. | Matul il-lejl, il-qroqqa | | qagħdet fuq il-bajd. |
| | | | bdiet tqaqi. |
| | | | marret ħdejn Ġaħan. |
| | | | ħarbet. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | Ġaħan ħolom illi l-bajd | | kiber. |
| | | | inqasam. |
| | | | sar taz-zokkor. |
| | | | sar taċ-ċikkulata. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. | X'ħin sebaħ Ġaħan sema' | | lil ommu tgħajjatlu. |
| | | | lis-sriedak jiddnu. |
| | | | lill-għasafar isaffru. |
| | | | lill-klieb jinbħu. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8. | X'ħin qam Ġaħan ħaseb li l-qroqqa | | ħasset il-bard. |
| | | | kellha l-għatx. |
| | | | ħasset is-sħana. |
| | | | kellha l-ġuħ. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9. | Omm Ġaħan wissietu biex | | ma jkissirx il-bajd. |
| | | | ma jgerrixx lill-qroqqa. |
| | | | ma jikolx il-bajd. |
| | | | ma jħallix il-bajd jiksaħ. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. | Lill-qroqqa Ġaħan qalilha biex | | tiekol. |
| | | | tixrob. |
| | | | ma tiċċaqlaqx. |
| | | | issaħħan iktar. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. | Ġaħan ħaseb illi l-bajd kien | | se jinkiser. |
| | | | se jiksaħ. |
| | | | se jitgerbeb. |
| | | | se jiqdiem. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. | Ġaħan ħaseb li | | qed ifaqqsu l-flieles. |
| | | | qed ikisser il-bajd. |
| | | | l-bajd naqsu. |
| | | | l-bajd żdiedu. |

(12 il-marka)

Aqra s-sentenza u mmarka Veru jew Falz.

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 13 | Ġaħan ħolom li l-flieles kienu taċ-ċikkulata. | | |
| 14 | Omm Ġaħan xtrat ħames bajdiet. | | |
| 15 | Ġaħan kisser il-bajd. | | |
| 16 | Fil-ħolma ta' Ġaħan il-flieles kibru ħafna. | | |
| 17 | Ġaħan poġġa fuq il-bajd biex jaħbihom. | | |
| 18 | Barra l-bajd, fil-kannestru kien hemm ukoll it-tiben. | | |
| 19 | Lill-qroqqa, Ġaħan xegħlilha d-dawl. | | |
| 20 | Ġaħan ġab il-kannestru mingħand tal-ħaxix. | | |

(8 x 1 marka = 8 marki)

**TMIEM IL-KARTA**